



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2009/2224(INI)**

28.4.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Internet tal-Oġġetti  
(2009/2224(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Christian Engström

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara liema aspetti tal-governanza tal-Internet hija tħoss li hemm bżonn li jiġu rregolati bħalissa fir-rigward tal-Internet tal-Oġġetti u liema sistema se tkun tista' tiżgura l-interess pubbliku ġenerali;
2. Għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-kwistjonijiet marbuta mal-governanza tal-Internet tal-Oġġetti bl-għajjnuna tal-operaturi tas-settur; ukoll iqis li huwa essenzjali li jiġu analizzati l-aspetti marbuta mas-sistemi tas-sigurtà tal-Wi-Fi;
3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara l-kwistjoni dwar is-sjieda u l-kontroll tad-dejta li tinġabar u tiġi interpretata awtomatikament;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex joħolqu aktar inizjattivi għall-aċċess liberu għat-teknoloġiji ġodda; jenfasizza li l-inizjattivi kollha għandhom jimmiraw biex jiffaċilitaw il-konnessjoni mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-utilizzazzjoni tagħhom u li jinkludu gruppi soċjali żvantaġġati;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fid-dawl tat-tibdiliet maġġuri l-Internet tal-Oġġetti li se jinvolvi, jipprovdu għall-iżvilupp uniformi tat-teknoloġiji fit-territorju kollu tal-UE, biex jevitaw li jinħolqu distakki saħasitra akbar minn dawk li diġà hemm, biex jinvolvu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-proċess, u biex jirrikonoxxu li s-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat għandhom jissaħħu f'relazzjoni mal-Internet tal-Oġġetti u mal-governanza tal-Internet;
6. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li, fl-2010, tippubblika Komunikazzjoni dwar il-privatezza u l-fiduċja fis-soċjetà tal-informazzjoni u li kontinwament tissorvelja l-protezzjoni ta' aspetti personali tad-dejta, biex jiġu tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi;
7. Jenfasizza li kwalunkwe dejta li tista' tintrabat ma' konsumatur speċifiku, permezz tal-estrazzjoni tad-dejta jew mezzi oħra, tikkostitwixxi dejta personali li għandha tiġi trattata f'konformità mal-prinċipji tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta;
8. Jenfasizza li l-ispejjeż riżultanti għall-konsumatur għandhom ikunu trasparenti, pereżempju fir-rigward tal-konsum tal-elettriku kkawżat mill-applikazzjoni u l-iskjerament tal-oġġetti għall-użu;
9. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tvara dibattitu dwar l-aspetti tekniċi u legali tad-'dritt għas-skiet elettroniku', jiġifieri l-prinċipju li l-individwi għandhom ikunu jistgħu jiskonnettjaw mill-ambjent netwerkjat tagħhom f'kull waqt;
10. Jaqbel li jeħtieġ li l-istandards jiġu żviluppati b'mod miftuħ, trasparenti u konsenswali bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha; jenfasizza li l-istandards ġodda kollha

f'dan il-qasam jeħtieġ li jkunu disponibbli faċilment għal kulħadd, u li implimentazzjonijiet ta' referenza għandhom ukoll ikunu disponibbli liberament, bħal fil-każ tal-istandards żviluppati mit-Task Force tal-Inġinerija tal-Internet (IETF); jenfasizza li l-infrastrutturi għall-Internet tal-Oġġetti jeħtiġilhom ikunu effikaċi, skalabbli, affidabbli, sikuri u kunfidenzjali, u li b'hekk isaħħu l-ħarsien tal-konsumatur, b'mod parrtikolari fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta;

11. Jinnota li m'hemm l-ebda dibattitu xjentifiku dwar il-perikli u d-danni possibbli kkawżati mit-tniġġis elettromanjetiku u li jeħtieġ li l-Kummissjoni ma tittraskurax din il-kwistjoni.
12. Jenfasizza li l-innovazzjoni u l-kreattività jikkostitwixxu valur miżjud sinifikanti għall-ekonomija Ewropea u l-kompetittività tagħha u li għandhom jiġu sostnuti u żviluppati;
13. Jaqbel li huwa essenzjali li s-sistemi u l-applikazzjonijiet il-ġodda ma jisfawx imfixkla minn ostakoli insuperabbli u li l-interoperabbiltà tas-sistemi u tal-applikazzjonijiet għandha tkun inkoraġġita;
14. Jemmen li l-Kummissjoni għandha teżamina l-possibbiltà ta' tnaqqis ulterjuri fl-ispejjeż tar-roaming tad-dejta;
15. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-UE fil-preżent mhijiex minn ta' quddiem f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni fil-qasam tal-Internet tal-Oġġetti, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tkabbar il-finanzjament għall-Internet tal-Oġġetti, bħala parti mis-Seba' Programm Kwadru u mill-proġetti pilota fi ħdan il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, u wkoll biex tiffoka fuq l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband u t-tixrid tal-broadband.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>                           | 28.4.2010  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>               | +: 27<br>-: 1<br>0: 0  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>      | Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Sandra Kalniete, Alan Kelly, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Giovanni La Via, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Mitro Repo, Dominique Riquet, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Andreas Schwab, Róża Gräfin Von Thun Und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Bernadette Vergnaud |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Pascal Canfin, Othmar Karas, Amalia Sartori, Jarosław Leszek Wałęsa  |